MINUTI

# Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Laqgħa Numru 21/2016

It-Tnejn 12 ta' Diċembru 2016

Il-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson
Is-Sur Martin Cefai – Membru
Is-Sinjura Sandra Grech – Membru
Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson
Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Josianne Cassar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sinjura Marija Saliba - Chairperson ippresjediet il-laqgħa.

## 21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

21.1.1 Iċ-Chairperson qalet li d-Deputat Chairperson F Fenech u l-membru S Salamone Reynaud kienu skuzati u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

21.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 20/2016 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

21.2.2 Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

21.2.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

21.2.4 Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentati u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 21.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

21.3.1 Iċ-Chairperson qalet illi din is-sena s-siġra ta' quddiem il-knisja ma ġietx imżejna għax inklinat biċċa sew mis-sena l-oħra. Hawn ġie deċiż biex jittieħed parir mid-Dipartiment tal-Agrikoltura jekk hix perikoluża.

21.3.2 Iċ-Chairperson infurmat lill-Kumitat li l-kanun li kien hemm fil-Menqa jinsab għand Heritage Malta. Kanuni simili jinġabru minn Heritage Malta, isir studju fuqhom, jiġu restawrati u Heritage Malta tidentifika l-użu tagħhom.

21.3.3 Iċ-Chairperson qalet illi l-bankina ta' Tabone fi Triq il-Qbajjar tranġat u jonqos li jiġi mnaddaf il-madum ta' quddiem il-garaxx. Is-Sindku qal li din ser tiġi mnaddfa mis-sid.

21.3.4 Iċ-Chairperson infurmat lill-Kumitat illi saret *site visit* flimkiem ma' rappreżentanza mill-Ministeru għal Għawdex fil-binja li tinkorpora l-Għassa tal-Pulizija. Iċ-Chairperson issuġġeriet li titwaqqa' u tinbena mill-ġdid. L-Assistent Direttur L Apap qal illi ser jieħu azzjoni biex tittieħed deċiżjoni dwar dan.

21.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kumitat li attenda Bord tal-Awtorita` tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni biex isir xi tibdil fl-applikazzjoni ta' Trieste fi Triq il-Qbajjar. Huwa tkellem dwar il-ħajt li hemm madwar is-sit u ġie deċiż illi fi żmien disgħa xhur irid jitneħħa l-ħajt. Hemm multa ta' €50,000 jekk ma jsirx dan.

21.3.6 Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kumitat sabiex jikkopera għall-attivita' li ser issir għat-tfal fil-Milied u biex ikun hemm konkorrenza tajba. Hawnhekk semma wkoll illi bejn is-16 u t-18 ta' Diċembru 2016 ser ikun hawn fostna rappreżentanza mill-Comune di Lanuvio sabiex jipparteċipaw fil-presepju Betlehem f'Għajnsielem. Għal dan il-għan ser tiġi organizzata ikla għal membri tal-Kunsill u l-Kumitat is-Sibt 17 ta' Diċembru 2016.

21.3.7 Iċ-Chairperson semmiet il-problema li hemm mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni dwar it-trasport tat-tfal tal-Kinder f'Marsalforn. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat illi saru diversi tentattivi pero` l-problema hi l-*policy* li għandu d-Dipartiment.

## 21.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Membri

21.4.1 Is-Sur M Cefai staqsa dwar it-tiżjin u l-armar tal-Milied. Iċ-Chairperson wieġbet li ż-żmien kien limitat biex isir aktar tiżjin. Iċ-Chairperson avviċinat lis-Sur Michael Bugeja u dan ħa ħsieb l-armar.

## 21.5 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn li jkunu meħtieġa

21.5.1 Il-Kumitat approva l-istima tal-Perit għal bini ta' bankini ġodda fi Triq Santa Marija bl-ammont ta' €33,474.63. Il-Kumitat qabel li tinħareġ offerta għal dan ix-xogħol.

21.5.2 Ilment nru. KAM 26/2016

Talab biex isir *patching* fi Triq ix-Xagħra quddiem l-appartamenti ta' Scicluna. Il-Kumitat qabel. Peress li-l-pagamenti ta' Road

Construction huma ffriżati s-Sindku N Saliba wera d-dubju kemm dawn ix-xogħlijiet ser jiġu attwati.

21.5.3 Ilment nru. KAM 27/2016
Il-membru S Grech talbet biex isiru *double yellow lines* quddiem sqaq maġenb 'Tarsons Flts' fi Triq il-Qbajjar. Il-Kumitat qabel li jressaq it-talba lil Transport Malta.

21.5.4 Ilment nru. KAM 28/2016
Is-Sur J Hili talab biex tinbidel il-bankina quddiem l-istabbiliment tiegħu fi Triq il-Wied. Talab ukoll li l-*belvedere* ta' faċċata jsir ukoll *stenciled concrete* peress li dejjem bil-ħaxix tiela' minn bejn il-*bricks*. Il-Kumitat qabel li tintalab stima lill-Perit għal dan ix-xogħol. Is-Sur M Cefai irrimarka li hemm ammont ta' ħaxix li mhux jinqata'.

21.5.5 Ilment nru. KAM 29/2016
Is-Sur J Refalo talab sabiex isir *double yellow line* fi Triq Santa Marija quddiem residenza li qed titwaqqa' u jibqa' sejjer sar-*reserved parking bay*. Il-Kumitat qabel illi dan id-*double yellow line* jinżebagħ mill-ġdid.

21.5.6 Ilment nru. KAM 30/2016
Is-Sur Brian Calleja talab biex titwaħħal lampa ġdida mal-appartament 'Tranquility' fi Triq is-Salini. Il-Kumitat qabel li għandha ssir *site visit* mal-Inġinier.

21.5.7 Ilment nru. KAM 31/2016
Is-Sinjura S Sciberras talbet biex issir lampa ġdida fi Triq Manwel Magro eżatt kif titla' t-telgħa. Il-Kumitat qabel li għandha ssir *site visit* mal-Inġinier. Iċ-Chairperson irrimarkat li l-Korporazzjoni Enemalta qed twaħħal bozoz ġodda f' diversi postijiet. Is-Sindku qal illi ser jistaqsi lir-Reġjun ta' Għawdex dwar din is-sitwazzjoni.

21.5.8 Is-sid ta' Hakari fi Triq il-Qbajjar reġgħet talbet biex isir spazju ta' *Loading / Unloading* quddiem il-ħanut tagħha. Qed issibha ħafna diffiċċli biex iddaħħal u toħroġ l-affarijiet mill-ħanut tagħha u l-Kumitat qabel li jressaq it-talba għal *Loading/Unloading Communal* lil Transport Malta.

21.5.9 Iċ-Chairperson talbet sabiex issir bozza ġdida faċċata ta' l-Forno fi Triq il-Port. Il-Kumitat approva. Is-Sindku qal li s-sid ta' dan l-istabbiliment qed jgħid li l-bozza li għandu mwaħħla ma' tiegħu qed titfa' ħafna dawl. Għaldaqstant sar qbil li ssir *site visit* fuq il-post mill-Inġ. Galea Curmi.

21.5.10 Ben Hotels Ltd qed jitolbu biex jitneħħew l-i*skips* fi Triq il-Forn kantuniera ma' Triq il-Munġbell peress li fl-istess post ser tinbena lukanda. Il-Kumitat qabel li jitneħħew minn dan is-sit u jitpoġġew fi Triq il-Qbajjar.

21.5.11 Is-Sinjura H Markstein talbet sabiex tiltaqa' mal-Kumitat biex tiddiskuti attivita` li tixtieq ittella' f' Marsalforn fl-aħħar ta' Ottubru 2017. Il-Kumitat qabel.

21.5.12 Iċ-Chairperson talbet biex isir *patching* fi Triq il-Qbajjar. Is-Sindku ssuġġerixxa u l-Kumitat qabel li ssir stima mill-Perit.

21.5.13 Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir bankina wisa' ta' metru mar-*roundabout* li tinsab f' Misraħ M'Anġ Refalo u jitwaħħlu żewġ bankijiet. Il-Kumitat qabel li ssir din il-bankina u l-bankijiet jitwaħħlu mis-sezzjoni tal-*Beaches*.

21.5.14 Is-Sindku qal illi waqa' ħajt tas-sejjieħ fejn Villa Fiorita u minn Villa Fiorita għar-Rabat it-triq ingumbrata u ma tinfidx. Il-Kumitat qabel li ssir talba lis-CMU.

21.5.15 Iċ-Chairperson talbet biex titranġa bankina quddiem V Cassar fi Triq il-Qbajjar u jitwaħħal ftit madum maqlugħ minn Galea Supermarket sa Trieste Flats. Il-Kumitat qabel illi dan ix-xogħol għandu jsir mill-kuntrattur tal-bankini.

21.5.16 Komunikat mir-Rettur tal-Knisja ta' San Pawl f'Marsalforn biex għal darba oħra l-Kunsill jerġa jipprovdi s-servizz tal-Banda Santa Marija fl-okkażjoni tal-festa titulari tal-konverżjoni ta' San Pawl il-Ħadd 12 ta' Frar 2017. Il-Kumitat qabel illi kif sar fi snin l-imgħoddija ikompli b'din l-inizjattiva.

21.5.17 Komunikat mill-Kumitat għall-ismijiet tat-toroq għal Għawdex sabiex l-isem Daħlet l-Għerejjex jiġi kkoreġut għal Daħlet l-Għarajjex fil-plakka u jwaħħal plakka oħra fid-daħla biswit l-istess daħla. Ic-Chairperson qalet illi l-isem tal-plakka diġa nbidel. Sar qbil illi tiġi ordnata plakka oħra għad-daħla.

21.5.18 Il-Kumitat approva li titranġa bankina ma *plot* li dan l-aħħar ittella l-ħajt tagħha mis-sid fi Triq in-Naħla. B'hekk ġie evitat l-akkumulazzjoni ta' skart f'din il-parti. Dan ix-xogħol għandu jsir mill-kuntrattur tal-bankini.

## 21.6 Mozzjonijiet

21.6.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 21.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

21.7.1 Il-laqgħa tal-Kumitat intemmet fis-7.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tlieta 24 ta' Jannar 2017 fil-5.00 ta' filgħaxija. Il-ħin ġie deċiż b'vot unanimu.

Konfermati, illum it-Tlieta 24 ta' Jannar 2017.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Marija Saliba | Josianne Cassar |
| Chairperson | Deputat Segretarju Eżekuttiv |